MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 441/2000/1

**Avviz. numru 441/00**

**Numru**

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' Joseph u Anna konjugi Aquilina u l-istess konjugi Aquilina**

**Vs**

**Saviour Caruana**

Il-Qorti,

Ra l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici nomine et rispettivament Lm158.73c u Lm250 danni li ghamlu fronti ghalihom in segwitu tal-konjugi Aquilina (allura misjuqa minn Janesse Aquilina u assikurata b'polza

comprehensive mal-Middle Sea Insurance plc) u car Audi nru JAA 531 misjuqa mill-konvenut prevja dikjarazzjoni li l-konvenut responsabbli ghall-incident minhabba mperizja, negligenza, traskuragni u inosservanza tar-regolamenti. Bl-ispejjes, komprizi Lm23 ta’ ittra u konsult, dawk tal-ittra ufficjali, tad-data tal-avviz ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika tad-data tal-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonjiet tal-istess konvenut (fol 3 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li ghall-incident “de quo’ kien unikament responsabbli Janesse Aquilina li kienet qed issuq il-vettura tal-atturi stante imperizja, negligenza, traskuragni, imprudenza u nuqqas t’osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost trid issir prova tal-allegati danni.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri,

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mill-iskizz anness a fol 30 tal-atti u maghmul minn PS 1492 Joseph Pace (fol 22, fol 26 u fol 30 tal-atti) dan l-incident gara f’St Andrew’s Road fejn jinsabu d-dwal tat-traffiku sabiex vetturi jistghu, ukoll, jaccedu f’Pembroke. Fuq l-istess skizz jidhru l-vetturi involuti cjoe dik misjuqa minn Janesse Aquilina bin-numri KBC 358 u dik misjuqa mill-konvenut bin-numru JAA 531. Jigi notat illi, ftit ta’ distanza wara il-vettura misjuqa mill-konvenut jinsabu marki ta’ brakes. Dwar l-istess sinjali ma jidhirx li dawn , filfatt, huma ‘to scale’ u lanqas ma inghata l-kejl taghhom. Mir-rapport redatt mill-istess PS 1492 Joseph Pace, jidher a fol 27, illi l-konvenut kien stqarr illi fuq in-naha tieghu d-dawl kien ahdar u ghalhekk kompla jsuq u grat din il-habta. In rigward Janesse Aquilina, din stqarret illi kienet waqfet f’St Andrew’s Road minhabba li d-dawl kienu homor. Meta dawn saru hodor, hi harget sabiex

tidhol f'Pembroke izda kienet niezla l-vettura l-ohra u saret il-habta.

Ikkunsidrat

Illi meta xehdet, b'mod aktar preciz, l-imsemmija Janesse Aquilina (fol 14 et seq ibid) din qalet illi kienet gejja mid-direzzjoni ta' Paceville, San Giljan u waqfet mal-imsemmija dwal sabiex iddur lejn il-lemin, tattraversa t-triq fuq in-naha l-ohra u tidhol fid-direzzjoni ta' Pembroke. Meta l-vlegga li tindika d-direzzjoni lejn Pembroke saret hadra, hi daret lejn il-lemin izda f'daqqa wahda l-passiggiera li kienet maghha bdiet tghajjat u x-xhud rat il-karozza misjuqa mill-konvenut waqt li din kienet gejja ghal fuq dik misjuqa minnha u saret il-habta. Ix-xhud issottolineat illi l-konvenut kien gej mid-direzzjoni opposta ".. fejn kien hemm il-karrozzi weqfin minhabba li t-traffic lights taghhom kienu homor'. In rigward dan, giet prodotta l-istess passiggiera, Nicola Camilleri (fol 16 u fol 17 ibid) u din ikkonfermat dak li xehdet Janesse Aquilina. Pero jigi notat illi l-karozza misjuqa mill-konvenut kienet gejja b'velocita u ghamlet referenza ghall-marki ta' 'brakes' li kien hemm wara l-vettura misjuqa mill-konvenut.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 32 et seq ibid) xehed illi kien gej mid-direzzjoni ta' Bahar ic-Caghaq sejjer lejn San Giljan. Fix-xhieda tieghi, hu sostna illi hu kien nqqqas il-velocita meta avvicina d-dwal tat-traffiku izda meta ra l-istess dawl, fuq in-naha tieghu, kien ahdar '… ergajt ghafast il-gas u mort il-quddiem'. Inoltre, in rigward in-naha l-ohra, 'Il-vlegga li tindika li tista' ddur lejn Pembroke ma xeghelitx ahdar" waqt li specifika illi d-dawl kien ahdar ghat-traffiku li kien ser jkompli, ghad-dritt fid-direzzjoni ta' Bahar ic-Caghaq. Dwar dan, skond il-konvenut, l-istess Janesse Aquilina ammettiet, wara li saret il-habta, illi 'zbaljat' (ara ukoll l-'affidavit' a fol 44 tal-atti rilaxxat minn bint il-konvenut, Charlene Caruana).

Ikkunsidrat

Illi kif hemm specifikatament imnizzel fl-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil minn jallegah. F'dan il-kaz, Janesse Aquilina issostni illi meta daret lejn il-lemin sabiex tidhol fid-direzzjoni ta' Pembroke, l-imsemmija vlegga kienet bidlet minn ahmar ghal ahdar. Da parti tieghu l-konvenut, u bintu, jsostnu, ukoll illi fuq l-istess konvenut avvicina id-dawl tat-traiffiku fuq in-naha tieghu, hu kien irralenta izda meta ra li l-kulur kien ahdar, hu zied fil-velocita' sabiex jkun jista' jsuq il-quddiem. Ghalhekk jidher li l-Qorti hi rinfaccjata b'zewg versjonijiet konfliggenti bejniethom minghajr ebda prova imparzjali u indipendenti mill-isess partijiet insostenn tal-verzjoni moghtija minn Janesse Aquilina. Fid-dawl ta' dan, l-istess Qorti wara li rat li l-oneru tal-prova, fuq basi ta' probabilta', kien jispetta lis-socjeta' attrici nomine et u dan a basi tal-artikolu 562 gja citat, tara li ma tistax takkolji t-talbiet attrici.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess socjeta attrici nomine et.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------